**FIL-QORTI TAL-MINORENNI**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond.), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**v.**

**OMISSIS**

**Referenza: 7387/2024 AC**

Illum is-16 ta' Jannar, 2025

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **OMISSIS**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' **OMISSIS**, imwielda l-15 ta' Settembru 2007, il-Pieta', u residenti **OMISSIS**, li kienet akkużata talli fit-12 ta' Mejju 2024 għall-ħabta ta' 21:00hrs fi Triq Manwel Dimech, Qormi:

1. Il-Qorti hija mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien li jidhirlu li huwa xieraq u dan skont l-Artikolu 15(3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku;

2. Soqt vettura tal-għamla Mazda bin-numru tar-reġistrazzjoni CEE 256;

3. Talli soqt il-vettura tal-għamla Mazda bin-numru tar-reġistrazzjoni CEE 256 mingħajr ma kont kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni[1];

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, tiskwalifika lill-imputata milli jkollha jew milli tikseb liċenzja tas-sewqan, u dan għal żmien li din il-Qorti jidhrilha li huwa xieraq *ai termini* tal-Artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta[2];

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti ta' dawn il-proċeduri, senjatament:

1. Affidavit ta' PS 1585 James Weatherill[3];
2. Okkorrenza bir-referenza 6/POL/3201/2024[4];
3. Fedina Penali tal-imputata hekk kif aġġornata fis-7 ta' Settembru 2024[5];
4. Ċertifikat tat-Twelid tal-imputata[6];
5. Affidavit ta' Brian Miguel Farrugia għan-nom ta' Transport Malta[7];

Semgħet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, li bil-ġurament tagħhom jiddikjaraw is-segwenti:

**PS 1585 James Weatherill** li jixhed permezz ta' affidavit, jiddikjara li fit-12 ta' Mejju 2024 għall-ħabta tad-21:00hrs, hu flimkien ma' membri oħra tal-Korp tal-Pulizija kienu qegħdin jagħmlu *roadchecks* fi Triq Manuel Dimech Ħal Qormi fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Roderick Agius, meta twaqqfet vettura tal-għamla Mazda bin-numru tar-reġistrazzjoni CEE 256. Ix-xhud jispjega li s-sewwieqa, li identifikat ruħha bħala **OMISSIS** (l-imputata),

[1] Liema akkużi qed jiġu ċitati preċiżament kif jirriżultaw mill-istess akkuża minkejja li fil-verita' l-ewwel 'akkuża' m'hija akkuża xejn iżda talba tal-Prosekuzzjoni f'każ ta' ħtija
[2] Liema talba kif ingħad diġa' hija mniżżla daqs li kieku hija akkuża meta fil-verita' hija talba tal-Prosekuzzjoni f'każ ta' ħtija
[3] Ara a fol 2 *et seq* tal-proċess
[4] Ara a fol 4 *et seq* tal-proċess
[5] Ara a fol 6 *et seq* tal-proċess
[6] Ara a fol 8 tal-proċess
[7] Ara Dok CC1 a fol 10 *et seq* tal-proċess

dehret eċitata ħafna, u meta talabha tipproduċi l-liċenzja tas-sewqan tagħha stqarret magħhom li ma kienitx fuqha, u li kienet ser tagħmel rapport l-Għassa dwarha aktar tard. Meta talabha n-numru tal-Karta tal-Identita' tagħha stqarret li ma kienitx tafu bl-amment u stqarret ukoll li ma kellhiex il-Karta tal-Identita' fuqha. Ikompli jispjega li meta l-Pulizija baqgħu jistaqsu dwar id-dettalji li kienet tathom ammettiet magħhom li ma kellhiex liċenzja tas-sewqan, u li kienet ħadet il-vettura ta' ommha mingħajr permess. F'dan il-punt il-Pulizija tawha struzzjonijiet sabiex titfi l-vettura u tagħmel kuntatt ma' ommha sabiex tirrikorri fuq il-post, fejn meta waslet ftit tal-ħin wara, ommha **OMISSIS** stqarret li bintha **OMISSIS** kienet ħaditilha l-vettura tagħha mingħajr permess. Ix-xhud ikompli biex jiddikjara li minn stħarriġ li sar, irriżulta li l-imputata kienet ċertu **OMISSIS**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-numru 0309507L, u li kienet taħt l-eta' u li kellha sittax-il sena, u għalhekk l-istess **OMISSIS** kienet infurmata quddiem ommha Priscilla Fava li kienu ser jinħarġu akkużi fil-konfront tagħha. Minn hemm, il-vettura nstaqet lura minn ommha Priscilla Fava wara li pproduċiet il-liċenzja tas-sewqan tagħha.

**Brian Miguel Farrugia għan-nom tad-Direttorat għat-Trasport fuq l-Art fi ħdan Transport Malta**, li jixhed permezz ta' affidavit, jiddikjara li mir-riċerka li għamel fir-rekords tal-Awtorita' jirriżulta li **OMISSIS**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' **OMISSIS**, qatt ma kienet fir-rekords tal-istess Awtorita' u lanqas hija fil-pussess ta' liċenzja tas-sewqan Maltija;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet fis-seduta ta' nhar l-10 ta' Ottubru 2024[8];

Rat l-atti tal-kollha tal-każ;

Rat li l-kawża kienet differita għal-lum għas-sentenza;

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

---

[8] Ara a fol 12 *et seq* tal-proċess

L-imputata **OMISSIS**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' **OMISSIS**, imwielda l-15 ta' Settembru 2007, il-Pieta', u residenti **OMISSIS**, kienet mixlija talli fit-12 ta' Mejju 2024 għall-ħabta ta' 21:00hrs fi Triq Manwel Dimech, Qormi:

1. Il-Qorti hija mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien li jidhirlu li huwa xieraq u dan skont l-Artikolu 15(3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku;

2. Soqt vettura tal-għamla Mazda bin-numru tar-reġistrazzjoni CEE 256;

3. Talli soqt il-vettura tal-għamla Mazda bin-numru tar-reġistrazzjoni CEE 256 mingħajr ma kont kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni;

Minn eżami tal-atti, jirriżulta li l-prova ċentrali għal dawn l-imputazzjonijiet hija l-affidavit ta' PS 1585 James Weatherill *stante* li huwa x-xhud okulari tal-Prosekuzzjoni rigward dan l-akkadut u kien fl-aħjar fl-aħjar posizzjoni li jagħti dawl fuq dak li seħħ dakinhar tal-inċident. Jirriżulta pero' li waqt it-trattazzjoni finali tal-partijiet, id-Difiża eċċepiet il-valur probatorju ta' dan l-affidavit peress li skontha, ma jissodisfax il-kweżiti imposti mil-Liġi fl-Artikolu 7 tal-Kapitolu 79 tal-Liġijiet ta' Malta;

Minn eżami tal-affidavit ta' PS 1585, din il-Qorti tinnota li filwaqt li hemm imniżżel id-data u l-lok ta' fejn ittieħed il-ġurament, li allura wieħed jista' jargumenta li dan jissodisfa l-elementi rikjesti mill-Artikolu 7 tal-Kapitolu 79, m'hemmx indikat b'mod ċar min kienet il-persuna li amministrat dan il-ġurament, u mill-atti jirriżulta li l-unika indikazzjoni li hemm fl-affidavit ta' min setgħet kienet din il-persuna hija timbru li fuqu hemm imniżżel "***Supt 6 PD***" u firma. F'dan il-punt, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Rachel Aquilina) v. Jan Christoffer Oskarsson**[9] deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar id-19 ta' Lulju 2024, fejn sostniet is-segwenti:

> ***Fi proċeduri penali fejn huwa fundamentali li l-proċedura tiġi segwita* ad unguem *biex ma jiġux preġudikati d-drittijiet tal-***

[9] Każ Nru. 1912/2024, deċiż mill-Maġistrat Dr. Jean Paul Grech, paġna 8-9

> ***akkużat*[10]***, ma jistax jkun li l-Qorti tagħlaq għajnejja għal tali nuqqas. Għalkemm huwa possibbli li dan il-ġurament ittieħed fl-Għassa tal-Pulizija tas-Sliema peress li kemm PS 186 Kristian Mintoff kif wkoll PC 1159 Owen Sghendo huma stazzjonati l-Għassa tas-Sliema, din tibqa' biss assunzjoni magħmula mill-Qorti li ma ssibx komfort fl-atti. ***Fi proċeduri penali, il-Qorti ma tistax tassumi l-affarijiet hi; l-affarijiet jridu joħorġu ċar mill-atti.*[11]**

Fil-każ sopraċitat, l-affidavit ta' PS 186 Kristian Mintoff u ta' PC 1159 Owen Sghendo kienu reżi monki *stante* li ma kienx hemm indikat il-lok ta' fejn ittieħed il-ġurament, li huwa element rikjest mill-Artikolu 7 tal-Kapitolu 79 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-każ odjern, din il-Qorti qiegħda taffaċċja sitwazzjoni simili fejn il-persuna tal-Kummissjunarju li ta l-ġurament m'hijiex indikata b'mod ċar fl-affidavit, u għalkemm b'użu ta' buon sens u loġika, din il-Qorti tista' tiddeduċi li din il-persuna hija s-Supretendent tas-Sitt Distrett tal-Pulizija, dan bl-ebda mod ma jfisser li din il-Qorti tista' tkun sodisfatta b'livell ta' konfort li element bażiku u fundamentali bħalma huwa l-isem tal-Kummissjunarju jista' jkun sodisfatt permezz ta' timbru li jindika biss "***Supt 6 PD***" mingħajr ma huwa indikat fl-affidavit min attwalment huwa s-supretendent, u dan *stante* li bħalma jingħad fis-sentenza sopraċitata, fi proċeduri penali din il-Qorti ma tistax tassumi l-affarijiet hi, u għalhekk iridu joħorġu biċ-ċar mill-atti għaliex wara kollox tali Supretendent m'huwiex imsemmi b'ismu u għalhekk jibqa' mhux identifikabbli għall-iskop ta' dan l-affidavit. Għaldaqstant, għar-raġunijiet imsemmija aktar 'il fuq u tenut kont id-dettami tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 79, li jiddisponi li huma biss persuni speċifiċi li għandhom is-setgħa li jagħtu l-ġurament, qiegħda tapplika r-raġunar tal-Qorti tal-Maġistrati b'mod analoġiku u tiddikjara li l-affidavit ta' PS 1585 huwa wieħed monk u mingħajr valur probatorju;

Għalhekk, il-provi rimanenti fl-atti huma r-Rapport tal-NPS bir-referenza 6/POL/3201/2024, u l-affidavit ta' Brian Miguel Farrugia għan-nom ta' Transport Malta. Dwar ir-Rapport tal-NPS, il-Qorti tirrileva li *stante* li ma ttella' ebda xhud sabiex jikkonferma l-kontenut tal-istess Rapport bil-ġurament, m'għandha l-ebda triq oħra għajr

---

[10] Emfasi tal-Qorti
[11] Emfasi tal-Qorti

li tiskarta din il-prova u tiddikjaraha wkoll bħala dokument mingħajr valur probatorju. A rigward l-affidavit ta' Brian Miguel Farrugia, filwaqt li dan id-dokument jikkonferma lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputata m'għandhiex liċenzja tas-sewqan Maltija valida (liċenzja li qatt ma setgħet ikollha għaliex fiż-żmien in kwistjoni kienet minorenni), fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri u ta' dak diskuss aktar 'il fuq, din il-prova hija biss dikjarazzjoni ta' stat ta' fatt li bħala minorenni, l-imputata ma jistax ikollha liċenzja tas-sewqan, pero' bl-ebda mod ma joħloq in-ness neċessarju bejn l-imputata u r-reati in deżamina.

**<u>Decide:</u>**

Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 17(b), l-Artikolu 31(1)(b), l-Artikolu 31(1)(ċ) u l-Artikolu 37(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, **<u>ma ssibx lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha u konsegwentement qiegħda tillibera lill-istess imputata OMISSIS minn kull ħtija u piena.</u>**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond.), LL.D.**